MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## MICHAEL MALLIA

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2015

Appell Kriminali Numru. 195/2014

Appell Nru: 195/2014

Il-Pulizja

Spettur Robert Vella

Vs

Kimberlyn Xuereb

Illum 26 ta' Marzu, 2015

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellanti, Kimberlyn Xuereb, detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 373693M, quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

a) F' Ta' Xbiex u jew fi bnadi ohra f'dawn il-Gzejjer, bejn is-6 ta' Frar, 2012 u s-17 ta' Frar, 2012 ghall-habta tal-21.32hrs u ghall-habta tal-00.18hrs, f'post pubbliku jew f'post espost ghall-pubbliku tlajjat jew ghamlet biex thajjar ghal skop ta' prostituzzjoni jew ghal skopijiet immorali u dan bi ksur tal-Artikolu 7 (2) tal-Kaptiolu 63 tal-Ligijiet ta' Malta;
b) U aktar talli kisret il-kundizzjonijiet ta' ordni ta' probation moghtija lilha mill-Magistrat Dr. E. Grima LL.D. b'sentenza datata 26 ta' Settembru, 2011.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, mghotija fid-29 ta' April, 2014, fejn il-Qorti wara li rat l-artikolu 7(2) tal-Kap 63 tal-Ligijiet ta' Malta ikkundannat lill-istess imputat prigunerija effettiva ghal perjodu ta' gimghatejn. Il-Qorti spjegat il-portata ta' din is-sentenza lill-imputata.

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 2014, fejn talab lil din il-Qorti thassar, tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata biex b'hekk tillibera lill-appellanti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.
Rat il-fedina penali aggornata tal-appellanti esebita mill- prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellanti huma s-segwenti w cioe':-

1. Illi l-process quddiem l-Ewwel Qorti huwa wiehed null stante li l-imputata ma kienitx assistita b'avukat. Illi minkejja li fis-sentenza hemm miktub li l-Qorti offriet li tqabbad avukat lill-appellanti dana ma sehhx u l-process baqa ghaddej minghajr biss ma' l-esponenti bdiet tifhem ezattament x'qed isehh.
2. Illi inoltre l-konsiderazzjonijiet tal-Ewwel Qorti huma bid-dovut rispett skorretti legalment in kwantu meta l-Qorti qalet '.. u wara li l-imputata ma' gabitx spjegazzjoni efficjenti billi ghazlet li ma tixhidx'. Illi bid-dovut rispett din l-konsiderazzjoni hija ghal kollox zbaljata u kull kumment iehor dwar dan il-punt ikun f'dan l-istadju superfluwu;

3. Illi fil-mertu, l-appellanti mhux minnhu li kienet qed titlajja u tiprostitwixxi ruhha u ghalhekk hija kellha tigi liberata minn l-akkuzi dedotti kontra taghha;

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi illi fil-lejl ta' bejn is-sittax (16) u s-sbatax (17) ta' Frar tal-elfejn u tnax (2012) PC 1282 Dino Farrugia, WPS 148 D. Camilleri u WPC 238 Monica Bartolo kienu ghaddejjin fi Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex u hemmhekk innutaw lill-appellanta Kimberlyn Xuereb illi kienet liebsa leggings suwed u gakketta sewda. Il-pulizija waqqfu lill-appellanta fuq suspett illi kienet qieghda titlajja ghal skop ta' prostituzzjoni u fl-ewwel okkazjoni qalulha biex tidhol 'il gewwa u hi accettat. Kien hemm okkazjoni ohra meta rawha barra ghal habta ta' nofsillejl u tmien minuti (00.18) u din id-darba iddecidew illi jressquha l-Qorti.

B'sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' April tal-elfejn u erbatax (2014) (fol 11) il-Qorti tal-Magistrati sabet lill-appellanta hatja tal-akkuzi migjuba fil-konfront taghha u ikkundannataha ghal gimghatejn prigunerija.

L-appellanta hassitha aggravata minn din is-sentenza u minnha interponiet appell peress illi ma kienx jirrizulta minghajr dubbju dettat mir-raguni illi kienet qieghda titlajja ghal skop ta' prostituzzjoni u kienet fil-fatt sejra d-dar fejn toqghod f'dik it-triq. Di più l-ewwel Qorti ghamlet kumment legalment skorrett meta hadet inferenza negattiva ghall-fatt illi l-appellanta ghazlet illi ma tixhidx.

Ikkunsidrat:

Bir-rispett l-ewwel Qorti ma kinitx korretta meta ghamlet dak il-kumment lamentat mill-appellanta. Id-dritt tas-silenzju huwa garantit mill-Kostituzzjoni u hadd ma jista' jaghmel inferenza negattiva ghall-fatt illi persuna tibqa' siekta u taghzel li ma tixhidx. Hadd ma jista' jkun pregudikat talli ghamel uzu mid-drittijiet moghtija lilu mil-ligi. L-ewwel Qorti kellha kull dritt illi toqghod fuq l-affidavit tal-pulizija u jekk jidhrilha opportun, setghet issib htija fuq dawk l-affidavits izda, ma setghetx taghmel kumment negattiv ghall-fatt illi l-appellanta ma tatx spjegazzjoni x'kienet qed tghamel fit-triq dak il-hin u ghalhekk dak il-kumment tal-ewwel Qorti huwa

censurabbli f'kull sens tal-ligi u din il-Qorti sejra twarrbu mid-deliberazzjonijiet taghha.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-affidavits tal-pulizija illi dawn iltaqghu mal-appellanta fil-hinijiet indikati fi Triq Enrico Mizzi, Ta' Xbiex. Kienet liebsa leggings suwed u gakketta sewda u gewhom suspett illi l-appellanta kienet qieghda fit-triq ghal skop ta' prostituzzjoni. Il-Qorti tirrileva illi suspett biss ta' tlajjar ghal skop ta' prostituzzjoni mhuwiex bizzejjed biex jissodisfa dak il-grad ta' prova rikjest fil-kamp penali. Fil-fatt, hadd mill-pulizija ma raw lill-appellanta tavvicina lil xi nies izda l-iktar illi setghu jghidu kien illi kellhom suspett illi kienet prezenti fi triq ghal dak l-iskop. Lanqas ma l-Qorti tista' tiehu xi inferenza mill-fatt illi l-appellanta kienet liebsa leggings suwed u gakketta sewda, hwejjeg illi tarahom ta' spiss fuq tfajliet ta' dak l-età.

Ghalhekk din il-Qorti thoss illi l-Prosekuzzjoni ma lahqitx dak il-grad ta' prova ta' minghajr dubbju dettat mir-raguni u l-appell tal-appellanta jisthoqq li jkun milqugh.

Ghal dawn il-motivi taqta' u tiddeciedi illi tilqa' l-appell, tirrevoka u thassar is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati, ma ssibx lill-appellanta hatja tal-imputazzjonijiet migjuba kontra taghha u tordna li ghandha tigi liberata minn kull imputazzjoni u htija.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------